# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 18 ta' Frar 2016**

Rikors Nru. 121 / 15RGM

Kawza fil-lista: 14

**A B**
**vs**
**C *sive* D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur fis-17 ta' Marzu 2015 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-tmienja (8) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u erbgha u tmenin (1984) u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg;

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Illi l-partijiet ilhom separati de jure sa mis-sittax (16) ta' Frar tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (1995) b'kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejniethom redatt minn Nutar Peter Fleri-Soler;

Illi permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni, ir-ragel ghandu l-obbligu li jhallas renta alimentari ta' Lira Maltija (Lml.00) ekwivalenti ghal euro u tnejn u ghoxrin

centezmu (€2.33) fil-gimgha suggetta ghal revizjoni f'kaz ta' tibdil sostanzjali fic-cirkostanzi tal-partijiet;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni stante illi l-partijiet jghixu hajja totalment separata minn xulxin;

Illi ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, ir-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti, skont kif tirrikjedi l-Ligi u kwindi m'hemm l-ebda impediment ghall-hall taz-zwieg;

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet skont l-artikolu 66D tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

1. L-esponenti taqbel mad-dikjarazzjonijiet kontenuti fl-ewwel hames paragrafi tar-Rikors tar-rikorrenti, u cioe illi:

a. il-partijiet izzewgu fit-8 ta' Settembru 1984;

b. miz-zwieg bejn il-partijiet ma twieldux tfal;

c. il-partijiet kienu sseparaw legalment permezz tal-Kuntratt ta' Separazzjoni Personali datat 16 ta' Frar 1995 fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri-Soler;

d. permezz tal-Klawsola 4 tal-Kuntratt ta' Separazzjoni Personali bejn il-partijiet, ir-rikorrenti kien obbliga ruhu illi jhallas favur l-esponenti manteniment ta' Lira Maltija (Lm1.00) [illum ekwivalenti ghal zewg Euro u tlieta u tletin centezmu (€2.33)] fil-gimgha; u

e. illum ma jezisti ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

2. L-esponenti madanakollu teccepixxi illi minkejja illi jirrikonoxxi l-obbligu tieghu anke fir-Rikorsipprezentat minnu, ir-rikorrenti ilu snin twal ma jhallas manteniment lill-esponenti ai termini tal-Klawsola 4 tal-Kuntratt ta' Separazzjoni Personali bejn il-partijiet. Effettivament ir-rikorrenti hallas l-imsemmi manteniment lill-esponenti biss fl-ewwel hames (5) snin mill-pubblikazzjoni tal-Kuntratt ta' Separazzjoni, b' dan illi llum hemm pendenti arretrati ta' manteniment dovut mir-rikorrenti favur l-esponenti fl-ammont ta' elf tmien mija u tnejn u hamsin Euro u hamsa u tletin centezmu (€1,852.35) u dan kif jinsab dettaljat fl-Affidavit tal-esponenti;

3. Tali nuqqas da parti tar-rikorrenti jikkostitwixxi raguni valida skont il-Ligi sabiex tigi michuda t-talba tar-rikorrenti ghall-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u dana stante illi skont ma gie enuncjat minn dina l-Onorabbli Qorti kif preseduta fis-Sentenza fl-ismijiet ABACD vs EF, deciza nhar il-31 ta' Ottubru 2013 [Rikors Numru 459/2012/RGM], "Artikolu 66D tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi talba ghal divorzju fejn gia: hemm sentenza jew kuntratt ta' separazzjoni tista' tigi kkontestata jekk jirrizulta illi min hu obbligat ihallas manteniment naqas milli jaghmel dan jew inkella peress illi bl-ghoti tad-divorzju tkun aktar difficli illi jsir il-hlas tal-manteniment dovut" [Enfasi Mizjud mill-esponenti]:

4. Illi l-esponenti teccepixxi ghalhekk illi sabiex it-talba tar-rikorrenti ghall-hall taz-zwieg bejn il-partijiet tkun tista' tigi akkolta skont il-Ligi, jehtieg l-ewwel illi r-rikorrenti jirregola l-pozizzjoni tieghu billi jhallas favur l-esponenti l-arretrati tal-manteniment dovut lill-istess esponenti ai termini tal-Klawsola 4 tal-Kuntratt ta' Separazzjoni Personali ffirmat bejn il-partijiet, kif dettaljat fl-iskeda;

5. Minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti ghall-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tawtorizzaha sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe Micallef.

Salv kull provvediment iehor illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.

Ezaminat il-provi mressqa mill-partijiet.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attur ipprezentata fis-26 ta’ Novembru 2015.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuta pprezentata fit-13 ta’ Jannar 2016.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**.

M'hemmx kuntrast bejn il-partijiet fir-rigward tal-fatti antecedenti l-kawza prezenti. L-partijiet kienu zzewgu fit-8 ta' Settembru 1984 u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal. Il-partijiet eventwalment isseparaw bonarjament b'kuntratt ta' separazzjoni personali ippubblikat fis-16 ta' Frar 1995. Il-kuntratt jistipula illi l-attur kellu jhallas manteniment lill-konvenuta fl-ammont ta' lira wahda Maltija (Lm1) fil-gimgha.

**L-attur A B** xhed bil-mezz ta' affidavit. Jghid illi l-quantum tal-manteniment stipulat kien sar "bhala token fil-kaz li hi (l-konvenuta) kienet tieqaf mix-xoghol".[1] Jghid li kien hemm intendiment bejn il-partijiet li l-hlas ma jibqax isir u li wara s-separazzjoni bejn il-partijiet la kien hemm kuntatt u lanqas komunikazzjoni.

Meta l-attur xhed quddiem il-Qorti fl-udjenza tal-15 ta' Ottubru 2015 huwa cahad dak li xhedet il-konvenuta fl-affidavit taghha meta sostniet illi wara s-separazzjoni ma kenitx taf x'sar mill-attur u li ma kenitx taf fejn jahdem. Jghid li wara li sseparaw kienu damu hames snin jahdmu fl-istess post tax-xoghol. Jghid ukoll illi wara li sseparaw dam is-snin jghix fl-appartament gewwa l-Belt Valletta li qabel kien id-dar matrimonjali. Jichad dak li xhedet il-konvenuta illi bhal donnu wara s-separazzjoni sparixxa u ma kenitx taf fejn jinstab. Huwa spjega li il-klawsola dwar il-lira Maltija li tnizzlet fil-kuntratt bhala manteniment ghall-mara zdiedet fl-ahhar tan-negozjati peress li waqt in-negozjati ma kien gie diskuss u mifthiem l-ebda manteniment. Xhed hekk:

"….lanqas qatt ma ssemma' l-manteniment. Konna lesti ghamilna l-ftehim tas-separazzjoni. Konna ha mmorru ghas-seduta biex b'mod ufficjali nikkonkludu, f'daqqa wahda l-avukat taghha harget b'din il-proposta li naghtiha din il-lira fil-gimgha biex jekk tiddeciedi li tieqaf tahdem ma titlifx xi beneficju socjali. Ghamlitili cara li ma jienx obbligat naghmilha".

L-attur spjega li f'xi zmien wara s-separazzjoni kien irceva kont mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni fl-ammont ta' tlett mitt lira Maltin ekwivalenti ghal circa seba mitt ewro (€700) li skont l-attur kienu dovuti bhala taxxa mill-konvenuta ghall-perijodu ta' qabel is-separazzjoni. Peress li qabel is-separazzjoni kienu jipprezentaw l-income tax return flimkien l-attur gie informat li kien hu responsabbli ghal dak il-hlas u ghalhekk hallas dak l-ammont hu u waqaf ihallas il-lira Maltija fil-gimgha lill-konvenuta. Jghid li minn meta waqaf ihallas dik il-lira Maltija fil-gimgha bhala manteniment sakemm fetah il-kawza ghad-divorzju il-konvenuta qatt ma baghtitlu xi ittra ghall-hlas tal-manteniment.

---

[1] Ara affidavit tal-attur a fol. 13

L-attur ressaq bhala xhud lil **Bernard Pace**, kap tal-amministrazzjoni f'agenzija tal-Gvern, Malta Libraries. Huwa spjega illi bejn is-sena 2004 u s-sena 2013 huwa hadem mal-attur fil-Ministeru tal-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni u lill-konvenuta kemm-il darba raha fil-post fejn kienu jahdmu gejja b'xi evelopes u tikkonsenjhom fil-post fejn ix-xhud u l-attur kienu jahdmu. Jghid li f'okkazzjoni minnhom l-attur kien indikalu lill-konvenuta bhala l-persuna li minnha kien separat.

**Il-konvenuta C B** min-naha taghha xhedet illi hija taqbel ma dak kollu li xhed l-attur hlief fir-rigward tal-manteniment stipulat fil-kuntratt. Hija xhedet illi l-attur hallasha l-manteniment hemm stipulat ghall-ewwel hames snin u mbaghad waqaf. Hija tghid li insistiet mieghu diversi drabi sabiex ihallasha l-manteniment u li r-risposta tieghu kienet tkun li l-obbligu tieghu li jhallas manteniment kien biss ghall-ewwel hames snin. Hija spjegat illi qatt ma hadet passi kontra l-attur ghall-hlas tal-manteniment stipulat peress li l-manteniment kien ta' Lm1 biss u li ghaliha "ma kienx jaghmel sens illi jiena noqghod nidhol fi spejjez ta' avukat u tal-Qorti biex nigbor somma daqshekk zghira". Tghid li irragunat illi jkun ahjar jekk tistenna sakemm is-somma ssir wahda sostanzjali sabiex ma tispiccax tohrog aktar spejjez milli ddahhal. Xhedet illi ma ghamlitx kwereli kontra l-attur peress li kien zewgha u ma ridietx thammiglu ismu. Hija qalet ukoll li wara hames snin mill-kuntratt tas-separazzjoni l-attur kien ghamililha cara illi ma kienx ser ihallas aktar manteniment.

Il-konvenuta pprezentat prospett li juri l-ammont ta' €1,852.35 rapprezentanti arretrati ta' manteniment li l-konvenuta qed tippretendi minghand l-attur ghall-perijodu mis-16 ta' Frar 2000 sal-15 ta' April 2015.[2]

**Konsiderazzjonijiet**.

**Artikolu 66B tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

"**66B.** *Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) "fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

[2] Affidavit u prospett a fol. 17

*(b) "ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) "il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*"Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*"Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*"Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi."*

**Artikolu 66D sub-inciz 2 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi

*2) Fejn il-miżżewġin ikunu diġà separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju tista' tressaq biss talba għall-ħall taż-żwieġ. Il-parti l-oħra tista' tikkontesta din it-talba jew billi tipprova illi dak iż-żmien maħsub fl-artikolu 66B(a) m'għaddiex, jew billi tipprova illi l-persuna miżżewġa illi talbet id-divorzju ma tkunx ħallset il-manteniment dovut, kif ordnat mill-qorti jew miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni u li kemm-il darba t-talba għad-divorzju tintlaqa', tkun aktar diffiċili għall-istess parti l-oħra illi tikseb il- ħlas tal-manteniment. Il-qorti m'għandhiex tilqa' t-talba għad-divorzju kemm-il darba xi waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet jiġu murija li huma tajba.*

Ikkunsidrat;

Irrizulta mhux kontestat illi fis-sena 2000 l-attur waqaf ihallas lill-konvenuta lira Maltija (Lm1) fil-gimgha stipulata fil-kuntratt ta' separazzjoni bhala manteniment. Ghaddew hmistax-il sena u l-konvenuta ma hadet l-ebda azzjoni fil-konfront tal-attur sabiex tigbor il-manteniment arretrat. Il-konvenuta tat zewg ragunijiet ghaliex fi hmistax-il sena ma hadet l-ebda passi kontra l-attur. Tghid li meta l-attur waqaf ihallas dik is-somma ta' Lm1 fil-gimgha, madwar hames snin wara l-kuntratt tas-separazzjoni, hija kienet tilfet kull tracja tal-attur. Dikjarazzjoni din li mill-provi mressqa mill-attur irrizulta li m'ghandiex mill-verita' in kwantu t-tnejn kienu ghal snin twal impjegati mal-Gvern, ghal snin jahdmu fl-istess ufficju u

sussegwentement ghal numru ta’ snin il-qadi tad-doveri tax-xoghol tal-konvenuta kien johodha fuq il-post tax-xoghol tal-attur.

It-tieni raguni li tat bhala gustifikazzjoni ghall-inazzjoni taghha fuq medda ta’ hmistax-il sena kien il-fatt li s-somma ta’ manteniment indikata fil-kuntratt kienet tant zghira illi ma kienx jaghmel sens ghaliha li tiehu passi fl-immedjat. Sostniet li kellha l-hsieb li meta s-somma tikber mhux hazin tfittex lill-attur ghall-hlas taghha.

Ikkunsidrat;

Huwa evidenti illi s-somma ta’ Lm1 fil-gimgha indikata fil-kuntratt tas-separazzjoni tal-partijiet ma kenitx intiza sabiex issostni lill-konvenuta fl-ghixien taghha. Jirrizulta mix-xhieda tal-attur illi l-introduzzjoni ta’ din is-somma nominali bhala manteniment kienet giet introdotta fl-ahhar tan-negozzjati li wasslu ghal separazzjoni konsenswali bl-iskop, skont l-attur, illi jekk il-konvenuta tieqaf tahdem hija tkun tista’ titlob l-ghajnuna socjali. Seta’ kien hemm ragunijiet ohra aktar plawsibbli izda dan ma hux strettament rilevanti ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza indizamina. Il-kuntratt jistipula l-hlas ta’ manteniment u sakemm tali kuntratt ma jigiex emendat mill-partijiet volontarjament jew b’ordni tal-Qorti l-obbligu fuq l-attur jissussisti.

**Klawsola 4 tal-kuntratt tas-separazzjoni** tal-partijiet[3] tistipula hekk:-

“4. Il-komparenti A B jobbliga ruhu li jghaddi lill-martu retta alimentari ta’ Lira Maltija (m1.00) fil-gimgha b’dan illi dan il-provvediment ta’ dan l-artiklu ikun suggett ghal revizzjoni f’kaz ta’ tibdil sostanzjali fic-cirkostanzi tal-partijiet;”

Huwa car minn qari ta’ din il-klawsola illi l-attrici zammet fuq il-kuntratt id-dritt li f’kaz ta’ htiega, bhal per ezempju telf tal-impieg, li titlob minghand l-attur manteniment f’rata superjuri ghal dik indikata fil-kuntratt. Tant hu hekk illi l-ebda klawsola fil-kuntratt ma tistipula li xi hadd mill-partijiet irrinunzja jew iddekada mid-dritt li jitlob il-hlas ta’ manteniment minghand il-parti l-ohra.

Jidher li matul is-snin ma kien hemm l-ebda bdil sostanzjali fic-cirkostanzi tal-partijiet tant li l-konvenuta qatt ma talbet li jigi ffissat manteniment f’rata superjuri ghal dak stipulat fil-kuntratt.

Ikkunsidrat;

---

[3] Fol. 5

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-attur jissottometti illi il-pretensjoni tal-konvenuta ghall-arretrati ta' manteniment hi fil-maggorparti taghha preskritta bil-preskrizzjoni kwinkwennali. Jiccita gurisprudenza in sostenn ta' tali sottomissjoni.

Min-naha taghha l-konvenuta tissottometti fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha illi l-Qorti m'ghandhiex tikkonsidra dik li hi ssejjah l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ghaliex fi process gudizzjarju tali eccezzjoni ma hiex sollevabbli ghall-ewwel darba f'nota ta' osservazzjonijiet.

Fir-rigward tas-sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet jekk il-pretensjoni tal-konvenuta ghall-arretrati ta' manteniment hiex preskritta jew le, din il-Qorti qed taghmilha cara illi ma hiex ser taghti gudizzju fir-rigward ghaliex il-kawza odjerna ma hiex kawza ghal kanonizzazzjoni ta' kreditu. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi dwar jekk il-pretensjoni tal-konvenuta ghall-hlas ta' manteniment arretrat li jmur lura ta' lanqas hmistax-il sena hiex preskritta jew le ma tigiex deciza f'kawza li qed issir ai termini tal-Artikolu 66D tal-Kap. 16. Dikjarazzjoni gudizzjarja fil-kawza odjerna dwar il-preskrizzjoni o meno tal-pretensjoni tal-konvenuta tkun manifestament "extra petita".

Fil-fehma tal-Qorti is-soluzzjoni tal-vertenza indizama tinsab fid-dispost tas-sub inciz 2 tal-Artikolu 66D tal-Kap. 16. Dan l-artikolu jipprovdi zewg okkazzjonijiet fejn talba ghal divorzju tista' tigi michuda mill-Qorti:

(1) Jekk jirrizulta illi l-partijiet ilhom anqas minn erba' snin ma jghixux flimkien; jew

(2) Jekk jirrizulta illi min qed jitlob id-divorzju ghandu l-obbligu li jhallas manteniment skont sentenza jew kuntratt ta' separazzjoni, ma jkunx hallas il-manteniment hekk ordnat jew stipulat **<u>U</u>** li kemm-il darba t-talba ghad-divorzju tintlaqa' ikun aktar difficli li jinkiseb il-hlas tal-manteniment li ma jkunx thallas.

Isegwi ghalhekk illi mhux kull nuqqas ta' hlas ta' manteniment dovut skont sentenza jew kuntratt hu ta' ostakolu ghall-akkoljiment ta' talba ghad-divorzju. Sabiex tali nuqqas ta' hlas ta' manteniment iwassal ghac-cahda tat-talba ghad-divorzju jkun jehtieg li jigi wkoll ippruvat illi bl-ghoti tad-divorzju jkun ser jaghmilha aktar difficli ghal min qed jippretendi l-hlas ta' manteniment arretrat li jircevi dak il-hlas.

Huwa ghalhekk evidenti illi kull kaz irid jigi ezaminat fuq il-fattispecie partikolari tieghu sabiex jigi stabbilit jekk l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' hlas ta' manteniment tissodisfax fl-intier tieghu id-dispost tat-tieni parti tal-Artikolu 66D (2) citat supra.

M'hemmx kuntrast bejn il-partijiet illi l-kuntratt jistipula l-hlas ta' Lm1 manteniment fil-gimgha pagabbli mill-attur lill-konvenuta. M'hemmx kuntrast lanqas illi l-attur ilu circa hmistax-il sena ma jhallas tali manteniment. Huwa evidenti illi tali rata ta' manteniment hija wahda nominali; illi ma kenitx intiza sabiex issostni materjalment lill-konvenuta; u illi fl-eventwalita' li t-talba tal-attur ghad-divorzju tigi akkolta bl-ebda mod ma hu ser jaghmilha aktar difficli ghall-konvenuta milli tithallas il-manteniment minnha pretiz fl-ammon ta' €2.33 fil-gimgha. Ir-rata miftehma hija relattivament tant zghira illi anke jekk wara l-ghoti tad-divorzju l-attur jassumi obbligi godda ta' natura matrimonjali, tali obbligi ma hux ser jitfghu xi piz finanzjarju tali li ma jippermettux il-hlas ta' zewg ewro u tlieta u tletin centezmu (€2.33) fil-gimgha.

Hija ghalhekk il-fehma ta' din il-Qorti illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-eccezzjoni tal-konvenuta msejsa fuq l-Artikolu 66B (2) ma hiex fondata.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta;

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66D tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien ghaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir *res judicata* javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

3. Tawtorizza lill-konvenuta tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe' "Micallef".

In vista tan-novita' ta' certi aspetti tal-vertenza l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**